Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B DIRETTIVA 2009/102/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Settembru 2009

rigward il-liġijiet tal-kumpanniji dwar il-kumpanniji privati ta' membru wieħed b'responsabbiltà limitata

(verżjoni kodifikata)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 258, 1.10.2009, p. 20)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Direttiva tal-Kunsill 2013/24/UE tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	365	10.6.2013

▼B

DIRETTIVA 2009/102/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Settembru 2009

rigward il-liġijiet tal-kumpanniji dwar il-kumpanniji privati ta' membru wieħed b'responsabbiltà limitata

(verżjoni kodifikata)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkundisdra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) It-tnax-il Direttiva tal-Kunsill 89/667/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 rigward il-liġijiet tal-kumpanniji dwar il-kumpanniji privati ta' membru wieħed b'responsabbilità limitata ([3]) ġiet emendata kemm-il darba ([4]) b'mod sostanzjali. Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kodifikata.

(2) Ċerti salvagwardi li, għall-protezzjoni tal-interessi tal-membri u ta' oħrajn, huma mitluba mill-Istati Membri ta' kumpanniji u ditti fis-sens tal-Artikolu 48(2) tat-Trattat, għandhom jiġu koordinati bil-ħsieb li dawn is-salvagwardji jintgħamlu ekwivalenti ġewwa l-Komunità kollha.

(3) F'dan il-kamp, l-ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE tat-9 ta' Marzu 1968 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tal-Artikolu 58(2) tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità ([5]) u r-raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji ([6]) u s-seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati ([7]), dwar, rispettivament, l-iżvelar, il-validità tal-impejni, in-nullità, il-kontijiet annwali u l-kontijiet ikkonsolidati, japplikaw għal-kumpanniji kollha b'kapital azzjonarju. Madanakollu, It-tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni

([1]) ĠU C 77, 31.3.2009 p. 42.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Novemebru 2008 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009.
([3]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 40.
([4]) Ara l-Anness II, Parti A.
([5]) ĠU L 65, 14.3.1968, p. 8.
([6]) ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.
([7]) ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.

▼B

tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tal-Artikolu 58(2) tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbilità limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti ([1]), it-tielet Direttiva tal-Kunsill 78/855/KEE tad-9 ta' Ottubru 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar l-amalgamazzjoni ta' kumpanniji b'responsabbiltà pubblika limitata ([2]), u s-sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar id-diviżjoni ta' kumpanniji b'responsabbilta pubblika limitata ([3]), dwar, rispettivament, il-formazzjoni u l-kapital, amalgamazzjonijiet u d-diviżjonijiet japplikaw biss għall-kumpanniji b'responsabbiltà pubblika limitata.

(4) Strument legali li jippermetti l-limitazzjoni tar-responsabbiltà tal-imprenditur individwali ġewwa l-Komunità kollha huwa neċessarju, mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-Istati Membri li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jeħtieġu li dan l-imprenditur ikun responsabbli għall-obbligi tal-impriża tiegħu.

(5) Kumpannija privata b'responsabbiltà limitata tista' tkun kumpannija b'membru wieħed miż-żmien tal-formazzjoni tagħha, jew tista' ssir hekk għaliex l-ishma tagħha jkunu ġew miżmuma minn azzjonist wieħed. Sakemm isir il-koordinament tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-gruppi, l-Istati Membri jistgħu jistabilixxu ċerti dispożizzjonijiet speċjali u penali għall-każijiet meta persuna naturali tkun il-membru wieħed ta' diversi kumpanniji jew meta kumpannija b'membru wieħed jew kwalunkwe persuna legali oħra jkunu l-membru waħdieni ta' kumpannija. L-iskop waħdani ta' din is-setgħa huwa sabiex jittieħed kont tad-differenzi li jeżistu f'ċerti liġijiet nazzjonali. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri jistgħu f'każijiet speċifiċi jistabilixxu restrizzjonijiet fuq l-użu ta' kumpanniji b'membru wieħed jew ineħħu l-limiti fuq ir-responsabbiltajiet tal-membri waħdiena. L-Istati Membri huma ħielsa li jistabilixxu regoli li jkopru r-riskji li jistgħu jippreżentaw il-kumpanniji b'membru wieħed bħala konsegwenza talli għandhom membru wieħed, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat illi jitħallas il-kapital sottoskritt.

(6) Il-fatt illi l-ishma kollha jkunu ġew miżmuma minn azzjonist wieħed u l-identità tal-membru waħdieni għandha tiġi żvelata permezz ta' dħul f'reġistru aċċessibli għall-pubbliku.

(7) Id-deċiżjonijiet meħuda mill-membru waħdieni fl-eżerċizzju tas-setgħat tal-laqgħa ġenerali għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub.

(8) Il-kuntratti bejn membru waħdieni u l-kumpannija tiegħu kif irrapreżentata minnu għandhom jiġu reġistrati bil-miktub, safejn u sakemm dawn il-kuntratti ma jkollhomx x'jaqsmu mal-operazzjonijiet korrenti konklużi taħt kondizzjonijiet normali.

(9) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II, Parti B,

([1]) ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1.
([2]) ĠU L 295, 20.10.1978, p. 36.
([3]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 47.

▼B

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Il-miżuri ta' koordinament stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tipi ta' kumpanniji msemmija fl-Anness I.

Artikolu 2

1. Kumpannija jista' jkollha membru wieħed meta tiġi ffurmata u wkoll meta l-ishma kollha tagħha jiġu miżmuma minn persuna waħda (kumpannija b' membru wieħed).

2. L-Istati Membri jistgħu, sakemm isir il-koordinament tal-liġijiet nazzjonali relatati ma' gruppi, jistabilixxu dispożizzjonijiet jew penali speċjali għall-każijiet meta:

(a) persuna naturali tkun il-membru waħdieni ta' diversi kumpanniji; jew

(b) kumpannija b'membru wieħed jew kull persuna legali oħra jkunu l-membru waħdieni ta' kumpannija.

Artikolu 3

Meta kumpannija ssir kumpannija b'membru wieħed minħabba li l-ishma kollha tagħha jiġu miżmuma minn persuna waħda, dan il-fatt flimkien ma l-identità tal-membru waħdieni, għandhom jew jiġu rreġistrati fil-fajl jew imdaħħla fir-reġistru kif imsemmi fl -Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 68/151/KEE jew jiġu mdaħħla f'reġistru miżmum mill-kumpannija u aċċessibli għall-pubbliku.

Artikolu 4

1. Il-membru waħdieni għandu jeżerċita s-setgħat tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija.

2. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-membru waħdieni fil-kamp imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rreġistrati fil-minuti jew imfassla bil-miktub.

Artikolu 5

1. Il-kuntratti bejn il-membru waħdieni u l-kumpannija tiegħu kif rapreżentata minnu għandhom jiġu rreġistrati fil-minuti jew imfassla bil-miktub.

2. L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn japplikaw il-paragrafu 1 għall-operazzjonijiet korrenti konklużi taħt kondizzjonijiet normali.

▼B

Artikolu 6

Meta Stat Membru jippermetti kumpanniji b'membru wieħed fis-sens ta'l-Artikolu 2(1) anke' fil-każ tal-kumpanniji b'responsabbiltà pubblika limitata, għandha tapplika din id-Direttiva.

Artikolu 7

Stat Membru ma għandux għalfejn jippermetti l-formazzjoni ta' kumpanniji b'membru wieħed meta l-legiżlazzjoni tiegħu tipprovdi illi imprenditur individwali jista' jistabbilixxi impriża li r-responsabbiltà tagħha tkun limitata għal somma ddedikata għall-attività dikjarata, bil-kondizzjoni li jiġu stabbiliti salvagwardji għal dawn l-impriżi li jkunu ekwivalenti għal dawk imposti minn din id-Direttiva jew minn kull dispożizzjoni tal-Komunità li tapplika għall-kumpanniji msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali ta' liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Diretiva.

Artikolu 9

Id-Direttiva 89/667/KEE, kif emendata mill-atti elenkati fl-Anness II, Parti A hija mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 10

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

Tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Artikolu 1

— *Il-Belġju:*

Société privée à responsabilité limitée/besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid;

— *Il-Bulgarja:*

дружество с ограничена отговорност, акционерно дружество;

— *Ir-Repubblika Ċeka:*

Společnost s ručením omezeným;

— *Id-Danimarka:*

Anpartsselskaber;

— *Il-Ġermanja:*

Gesellschaft mit beschränkter Haftung;

— *L-Estonja:*

Aktsiaselts, osaühing;

— *L-Irlanda:*

Private company limited by shares or by guarantee;

— *Il-Greċja:*

εταιρεία περιορισμένης ευθύνης;

— *Spanja:*

Sociedad de responsabilidad limitada;

— *Franza:*

société à responsabilité limitée;

▼M1

— *Il-Kroazja:*

društvo s ograničenom odgovornošću, dioničko društvo;

▼B

— *L-Italja:*

Società a' responsabilità limitata;

— *Ċipru:*

Ιδιωτική εταιρεία περιορισμένηςε υθύνης με μετοχές ή με εγγύηση;

▼B

— *Il-Latvja:*

Sabiedrība ar ierobežotu atbildību;

— *Il-Litwanja:*

Uždaroji akcinė bendrovė;

— *Il-Lussemburgu:*

Société à responsabilité limitée;

— *L-Ungerija:*

Lorlátolt felelősségű társaság, részvénytárság;

— *Malta:*

Kumpanija privata/private limited liability company;

— *L-Olanda:*

Besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid;

— *L-Awstrija:*

Aktiengesellschaft, Gesellschaft mit beschränkter Haftung;

— *Il-Polonja:*

Spółka z ograniczoną odpowiedzialnością;

— *Il-Portugall:*

Sociedade por quotas;

— *Ir-Rumanja:*

Societate cu răspundere limitată;

— *Is-Slovenja:*

Družba z omejeno odgovornostjo;

— *Is-Slovakkja:*

Spoločnosť s ručením obmedzeným;

— *Il-Finlandja:*

Osakeyhtiö/aktiebolag;

▼B

— *L-Iżvezja:*

Aktiebolag;

— *Ir-Renju Unit:*

Private company limited by shares or by guarantee.

▼B

ANNESS II

PARTI A

Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmi fl-Artikolu 9)

Direttiva tal-Kunsill 89/667/KEE
(ĠU L 395, 30.12.1989, p. 40)

Anness I, punt XI.A tal-Att ta' Adeżjoni 1994
(ĠU C 241, 29.8.1994, p. 194)

Anness II, punt 4.A tal-Att ta' Adeżjoni 2003
(ĠU L 236, 23.9.2003, p. 338)

Direttiva tal-Kunsill 2006/99/KE — punt A.4 tal-Anness biss
(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 137)

PARTI B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni

(imsemmi fl-Artikolu 9)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' applikazzjoni
89/667/KEE	fil-31 ta' Diċembru 1991.	L-1 ta' Jannar 1993 għal dak li jikkonċerna soċjetajiet li diġà jeżistu fl-1 ta' Jannar 1992
2006/99/KE	fl-1 ta' Jannar 2007.	

▼B

ANNESS III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 89/667/KEE	Din id-Direttiva
Artikoli 1, kliem introduttiv	Artikoli 1
Artikolu 1, l-ewwel sas-seba' u għoxrin inċiż	Anness I
Artikoli 2 sa 7	Artikoli 2 sa 7
Artikolu 8(1)	—
Artikolu 8(2)	—
Artikolu 8(3)	Artikolu 8
—	Artikolu 9
—	Artikolu 10
Artikolu 9	Artikolu 11
—	Anness I
—	Anness II
—	Anness III